

Rapport Annwali

2008

Sommarju Eżekuttiv



KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-
PROTEZZJONI TAD-DATA



Rapport Annwali

2008

Sommarju Eżekuttiv



KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-
PROTEZZJONI TAD-DATA

Indirizz postali: rue Wiertz, 60 — B-1047 Brussell
Uffiċċju: rue Montoyer, 63, Brussell, Belġju
Indirizz tal-posta elettronika: edps@edps.europa.eu
Sit elettroniku: www.edps.europa.eu.
Tel. (32-2) 283 19 00
Fax (32-2) 283 19 50

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea***

Numru tat-telefon ġdid bla ħlas (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(*) ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal numri 00800 jew inkella dawn it-telefonati jkunu bi ħlas.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2009

ISBN 978-92-95030-91-6

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2009

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Introduzzjoni

Dan huwa s-Sommarju Eżekuttiv tar-Rapport Annwali 2008 tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD). Dan ir-rapport ikopri l-2008 bħala r-raba' sena sħiħa ta' attività tal-KEPD bħala awtorità superviżorja ġdida indipendenti. Dan ir-rapport jikkonkludi wkoll l-ewwel mandat tal-KEPD u jipprovdi opportunità li jsir rendikont tal-iżviluppi mill-bidu.

F'Jannar 2004 Peter Hustinx (Kontrollur) u Joaquín Bayo Delgado (Assistent Kontrollur) assumew il-kariga sabiex jistabbilixxu awtorità indipendenti li tittratta l-protezzjoni tad-data personali fil-livell tal-Unjon Ewropea (UE). Il-missjoni tal-KEPD hija li jiġi żgurat li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi, u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-privatezza, fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali, jiġu rispettati mill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji.

Kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 45/2001¹, l-attivitajiet ewlenin tal-KEPD huma li:

- jimmonitorja u jiżgura li l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament meta jipproċessaw data personali (superviżjoni);
- jagħti parir lill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-ipproċessar tad-data personali. Dan jinkludi konsultazzjoni dwar proposti għal leġislazzjoni u monitoraġġ ta' żviluppi ġodda li għandhom impatt fuq il-protezzjoni tad-data personali (konsultazzjoni);
- jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali ta' kontroll u l-korpi ta' sorveljanza fit-"tietlet pilastru" tal-UE bil-ħsieb li titjieb il-konsistenza fil-protezzjoni tad-data personali (kooperazzjoni).

Dan ir-rapport juri li sar progress kbir kemm fis-superviżjoni kif ukoll fil-konsultazzjoni. Qed tiżviluppa l-konformità mar-regoli u l-prinċipji dwar il-protezzjoni tad-data fl-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji, iżda għad fadal diversi sfidi kbar fil-ġejjieni. L-enfasi tas-superviżjoni hija għalhekk it-transizzjoni lejn il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet fil-verifika minn qabel u lejn it-titjib tal-livell ta' konformità fl-aġenziji. F'dan il-kuntest, il-KEPD lesta wkoll l-ewwel serje ta' spezzjonijiet fil-post f'istituzzjonijiet u korpi differenti biex titkejjel il-konformità fil-prattika.

Il-KEPD tejjeb aktar il-prestazzjoni tiegħu fil-konsultazzjoni fl-2008 u ppreżenta opinjonijiet dwar għadd dejjem jiżdied ta' proposti għal leġislazzjoni. Huwa wessa' l-ambitu tal-interventi tiegħu għal varjetà akbar ta' oqsma ta' politika, u għall-istadji kollha tal-proċedura leġislattiva. Il-maġġoranza tal-opinjonijiet tal-KEPD komplew jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mal-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, iżda oqsma oħrajn ta' politika, bħall-privatezza elettronika, l-aċċess pubbliku għal dokumenti u l-kura tas-saħħa transkonfinali, kienu wkoll pjuttost prominenti.

Il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali ta' kontroll kompliet tiffoka fuq ir-rwol tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Protezzjoni tad-Data, li rriżultat fl-adozzjoni ta' programm ta' ħidma ġdid u diversi riżultati tajbin fl-ewwel sena tal-operat tiegħu. Il-KEPD kompli jagħmel enfasi wkoll fuq is-superviżjoni kkoordinata tal-Eurodac u l-kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja.

¹ Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, ĠU L 8, 12.01.2001.

Riżultati fl-2008

Ir-Rapport Annwali 2007 semma li għall-2008 kienu ntgħażlu l-objettivi ewlenin li ġejjin. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-objettivi ntlaħqu għal kollox jew parzjalment.

- **Appoġġ għan-netwerk tal-uffiċjali għall-protezzjoni tad-data**

Il-KEPD kompli jagħti appoġġ qawwi lill-uffiċjali għall-protezzjoni tad-data u ħeġġeġ aktar skambju fosthom tal-ħiliet esperti u tal-aħjar Prattika. Inġhatat attenzjoni partikolari lill-uffiċjali għall-protezzjoni tad-data ta' aġenziji stabbiliti reċentement.

- **Rwol tal-verifika minn qabel**

Inħareġ għadd rekord ta' opinjonijiet dwar verifiki minn qabel, u għad fadal xi xogħol biex titlesta l-verifika minn qabel ta' operazzjonijiet tal-ipproċessar eżistenti għall-biċċa l-kbira tal-istituzzjonijiet u l-korpi. Sar aktar enfasi fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.

- **Gwida orizzontali**

Ġiet żviluppata gwida dwar il-kwistjonijiet rilevanti komuni għall-biċċa l-kbira tal-istituzzjonijiet u l-korpi (p.e. ir-reklutaġġ tal-persunal, l-ipproċessar ta' data relatata mas-saħħa), għall-ewwel biex tiġi ffaċilitata l-verifika minn qabel għall-aġenziji. Din il-gwida dalwaqt ser tkun disponibbli għall-partijiet kollha interessati.

- **Kejl tal-konformità**

Il-KEPD kompli jkejjel il-konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-istituzzjonijiet u l-korpi kollha, u ser jirrapporta dwar il-progress li sar sa nofs l-2009. Minbarra dan l-istħarriġ ġenerali, twettqet l-ewwel serje ta' spezzjonijiet fl-istituzzjonijiet u l-korpi differenti biex tiġi vverifikata l-konformità dwar kwistjonijiet speċifiċi.

- **Sistemi fuq skala kbira**

Il-KEPD kompli jiżviluppa superviżjoni kkoordinata tal-Eurodac flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali ta' kontroll, u jimplementa l-programm ta' ħidma adottat għal dan l-għan. Il-KEPD għamel ukoll l-ewwel passi fir-rigward ta' sistemi oħrajn fuq skala kbira, bħas-SIS II u l-VIS.

- **Opinjonijiet dwar leġislazzjoni**

Il-KEPD ħareġ għadd rekord ta' opinjonijiet jew kummenti dwar proposti għal leġislazzjoni ġdida jew dokumenti relatati, li jkopru firxa aktar wiesgħa minn qatt qabel, u żgura kontribut adegwat mill-ewwel sal-aħħar fażi tal-proċedura leġislattiva.

- **It-Trattat ta' Lisbona**

L-impatt tat-Trattat ta' Lisbona ġie analizzat mill-qrib, iżda d-dħul fis-seħħ tiegħu jiddependi mir-ratifiki finali minn xi ftit Stati Membri. L-analiżi enfasizzat li t-Trattat għandu impatt potenzjali qawwi, kemm għal raġunijiet istituzzjonali kif ukoll dawk sostantivi, b'opportunitajiet ċari għal titjib tal-protezzjoni tad-data.

- **Informazzjoni online**

L-informazzjoni disponibbli fuq is-sit web tal-KEPD ittejbet, kemm permezz tal-aġġornament u l-iżvilupp tal-kontenut tiegħu, u kemm bit-tisħiħ tal-aċċessibbiltà tagħha. Hu mistenni aktar titjib matul l-2009, u dan ser jinkludi wkoll il-bulletin elettroniku.

- **Regoli ta' proċedura**

It-tnejn tar-regoli ta' proċedura, li jkopru r-rwoli u l-attivitajiet differenti tal-KEPD, għamlet progress tajjeb, flimkien mal-iżvilupp ta' manwali tal-każijiet interni għall-attivitajiet l-aktar importanti. Ir-riżultati ser ikunu disponibbli fuq is-sit web tal-KEPD matul l-2009 b'għodod prattiċi għall-partijiet interessati.

- **Ġestjoni tar-riżorsi**

Ġiet ikkonsolidata jew żviluppata aktar il-ġestjoni tar-riżorsi finanzjarji u umani u ssaħħu proċessi interni oħrajn. Ittejbu wkoll il-funzjonalità u l-effiċjenza tal-funzjonijiet ta' kontroll interni.

Objettivi għall-2009

Din ser tkun l-ewwel sena ta' mandat ġdid tal-KEPD, b'kompożizzjoni parzjalment ġdida tal-istituzzjoni. Għalhekk hija mistennija taħlita ta' kontinwità u bidla. Din is-sena ser tintuża għal valutazzjoni strateġika tar-rwoli u l-kompiti tal-KEPD u biex jiġu stabbiliti l-linji ewlenin ta' żvilupp għall-erba' snin li ġejjin. Din ir-riflessjoni ser tikkoinċidi ma' bidliet sinifikanti fl-ambjent estern tal-KEPD, bħall-isfidi li jirriżultaw minn leġislatura Ewropea ġdida, Kummissjoni Ewropea ġdida, dħul fis-seħħ possibbli tat-Trattat ta' Lisbona, politiki u oqfsa ġodda oħrajn fuq perijodu fit-tul u l-impatt ikkombinat tagħhom fuq il-protezzjoni tad-data. Il-KEPD għandu l-intenzjoni jieħu pożizzjoni ċara f'dan il-kuntest u ser jirrapporta dwar konklużjonijiet fir-Rapport Annwali li jmiss.

L-objettivi ewlenin li ġejjin intagħżlu għall-2009, mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' din ir-riflessjoni strateġika. Ir-riżultati miksubin ser ikunu rrapportati wkoll is-sena li ġejja.

● **Appoġġ għan-netwerk tal-uffiċjali għall-protezzjoni tad-data**

Il-KEPD ser ikompli jagħti appoġġ qawwi lill-uffiċjali għall-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari aġenziji stabbiliti riċentement, u jħeġġeġ l-iskambju tal-ħiliet esperti u l-aħjar Prattika bejniethom, sabiex jissaħħu l-effettività tagħhom.

● **Rwol tal-verifika minn qabel**

Il-KEPD għandu l-intenzjoni li jlesti l-verifika minn qabel tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar eżistenti għall-maġġoranza tal-istituzzjoni u l-korpi, u jagħmel enfasi dejjem akbar fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Ser tingħata attenzjoni speċjali lill-verifika minn qabel tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar komuni għall-maġġoranza tal-aġenziji.

● **Gwida orizzontali**

Il-KEPD ser ikompli jiżviluppa l-gwida dwar il-kwistjonijiet rilevanti komuni għall-maġġoranza tal-istituzzjonijiet u l-korpi, u jagħmilha disponibbli b'mod ġenerali. Ser jiġu ppubblikati linji gwida dwar il-videosorveljanza li ser jgħinu wkoll biex tingħata attenzjoni partikolari lil sitwazzjonijiet li jwasslu għal riskji speċifiċi.

● **Trattament tal-ilmenti**

Il-KEPD ser jippubblika qafas ta' politika għat-trattament tal-ilmenti biex il-partijiet kollha involuti jiġu informati dwar il-proċeduri rilevanti, inklużi kriterji dwar jekk għandhiex tinfetaħ jew le investigazzjoni dwar ilmenti ppreżentati lilu.

● **Politika dwar l-ispezzjonijiet**

Il-KEPD ser ikompli jkejjel l-konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001, b'tipi differenti ta' kontrolli għall-istituzzjonijiet u l-korpi kollha, u jżid l-ispezzjonijiet fil-post. Fl-2009 ser tiġi ppubblikata wkoll politika ġenerali dwar l-ispezzjonijiet fuq is-sit web tal-KEPD.

- **Ambitu tal-konsultazzjoni**

Il-KEPD ser ikompli joħroġ opinjonijiet jew kummenti fiż-żmien dovut dwar proposti għal leġislazzjoni ġdida, fuq bażi ta' inventarju sistematiku ta' suġġetti rilevanti u prijoritajiet, u jiżgura li jkun hemm segwitu adegwat.

- **Programm Stokkolma**

Il-KEPD bi ħsiebu jagħti attenzjoni speċjali lit-tnejjja ta' politika ġdida ta' ħames snin għall-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, għall-adozzjoni mill-Kunsill Ewropew fl-aħħar tal-2009. Ser tkun enfasizzata l-ħtieġa għal salvagwardji effettivi għall-protezzjoni tad-data bħala kondizzjoni ċentrali.

- **Attivitajiet ta' informazzjoni**

Il-KEPD ser itejjeb aktar il-kwalità u l-effettività tal-għodod ta' informazzjoni online (sit web u bulletin elettroniku) u ser jivvaluta u fejn meħtieġ jaġġorna attivitajiet ta' informazzjoni oħrajn.

- **Regoli ta' proċedura**

Il-KEPD ser jadotta u jipubblika r-regoli ta' proċedura, filwaqt li jikkonferma jew jikkjarifika prattiċi attwali dwar ir-rwoli u l-attivitajiet differenti tiegħu. Fuq is-sit web ser ikun hemm disponibbli għodod prattiċi għall-partijiet interessati.

- **Ġestjoni tar-riżorsi**

Il-KEPD ser jikkonsolida u jkompli jiżviluppa attivitajiet relatati mar-riżorsi finanzjarji u umani, u jsaħħaħ proċessi ta' ħidma interni oħrajn. Ser tingħata attenzjoni speċjali lir-reklutaġġ fuq perijodu fit-tul tal-persunal, il-ħtieġa għal spazju addizzjonali fl-uffiċċji, u l-iżvilupp ta' sistema ta' ġestjoni tal-każijiet.

Superviżjoni

Wieħed mir-rwoli ewlenin tal-KEPD hu li jissorvelja b'mod indipendenti l-operazzjonijiet tal-ipproċessar imwettqin mill-istituzzjonijiet jew il-korpi Komunitarji. Il-qafas legali hu r-Regolament (KE) Nru 45/2001, li jstabbilixxi għadd ta' obbligi għal dawk li jipproċessaw id-data, flimkien ma' għadd ta' drittijiet għal dawk li tiġi pproċessata d-data personali tagħhom.

L-operazzjonijiet tal-ipproċessar ta' data personali li ma jippreżentawx riskji speċjali għas-suġġetti tad-data għandhom jiġu notifikati biss lill-uffiċjal għall-protezzjoni tad-data tal-istituzzjoni jew il-korp ikkonċernat. Meta l-ipproċessar ta' data personali jippreżenta riskji speċjali għas-suġġetti tad-data, l-ipproċessar jeħtieġ jiġi vverifikat minn qabel mill-KEPD. Il-KEPD mbagħad jstabbilixxi jekk l-ipproċessar jikkonformax mar-Regolament jew le.

Il-kompiti tas-sorveljanza, immexxijin mill-Assistent Kontrollur, jinkludu l-ġhoti ta' pariri u assistenza lill-uffiċjali għall-protezzjoni tad-data, il-verifika minn qabel ta' operazzjonijiet tal-ipproċessar riskjużi, kif ukoll it-twettiq ta' inkjesti, inklużi spezzjonijiet fil-post, u t-trattament tal-ilmenti.

Verifiki minn qabel

Fl-2008, il-verifika minn qabel komplet tkun l-aspett ewlieni tal-KEPD fir-rwol superviżorju tiegħu.

Kif isemma f'rapporti annwali preċedenti, il-KEPD dejjem ħeġġeġ lill-uffiċjali għall-protezzjoni tad-data biex iżidu l-għadd ta' notifikati ta' verifika minn qabel lill-KEPD. L-iskadenza tar-rebbiegħa 2007 biex jaslu n-notifikati għall-verifika minn qabel mill-KEPD - każijiet *ex post* - ġiet stabbilita biex iġġiegħel lill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji jżidu l-isforzi tagħhom ħalli jissodisfaw għal kollox l-obbligu tagħhom ta' notifika. Dan irriżulta f'żieda sostanzjali ta' notifikati.

B'mod ġenerali, l-2008 kienet sena intensiva ta' ħidma, b'aktar **opinjonijiet** li nħarġu dwar **verifiki minn qabel** (105 opinjoni) minn kwalunkwe sena preċedenti. Għadd limitat biss ta' dawk il-każijiet (18-il każ) kienu każijiet ta' verifika minn qabel "korretti", jiġifieri l-istituzzjonijiet ikkonċernati segwew il-proċedura meħtieġa għall-verifika minn qabel, qabel ma implimentaw l-operazzjoni tal-ipproċessar.

Għall-ewwel darba, il-KEPD ddeċieda li jissuġġerixxi l-irtirar ta' xi notifikati. Dan kien dovut għall-fatt li dawk in-notifikati jew kienu jikkonċernaw operazzjonijiet qodma tal-ipproċessar fl-istadju li jibdwew jiġu sostitwiti b'oħrajn ġodda jew inkella notifikati li ma kellhomx informazzjoni suffiċjenti u li minħabba f'hekk ma kienu possibbli li jiġu ttrattati b'fehim korrett tal-fatti jew il-proċedura.

Fir-rigward tal-limiti ta' żmien, in-numru ta' ġranet meħtieġa mill-KEPD għall-formulazzjoni tal-opinjonijiet jirrappreżenta tnaqqis ta' aktar minn jumejn ħidma meta mqabbel mal-2007. Din hija ċifra tassew sodisfaċenti meta titqies iż-żieda fl-għadd u l-komplessità tan-notifikati. Madankollu l-KEPD jinsab imħasseb dwar il-perijodi twal meħtieġa mill-istituzzjonijiet u l-korpi biex ilestu l-informazzjoni. F'dan il-kuntest, huwa jerġa' jfakkarhom fl-obbligu tagħhom li jikkooperaw mal-KEPD u li jipprovdu l-informazzjoni mitluba.

Fl-2008, il-każijiet *ex-post* ta' verifika minn qabel² koprew l-aktar il-kwistjonijiet li ġejjin: data relatata mas-saħħa pproċessata mill-istituzzjonijiet u l-korpi, ir-reklutaġġ tal-persunal u l-għażla tal-kandidati, l-evalwazzjoni tal-persunal, l-akkreditazzjoni tal-ġurnalisti, is-sistemi ta' ġestjoni tal-identità, il-kontroll tal-aċċess u investigazzjonijiet dwar is-sigurtà.

Fir-rigward ta' kwistjonijiet ewlenin fil-verifiki minn qabel korretti, dawn kienu jirrigwardaw proċeduri ta' għażla speċifiċi, partikolarment fl-Aġenzija dwar id-Drittijiet Fundamentali u għall-KEPD, proġett pilota dwar il-monitoraġġ individwali, il-flexitime, l-identità u l-kontroll ta' aċċess, kif ukoll il-monitoraġġ elettroniku.

Ġew indirizzati għall-ewwel darba wkoll xi kwistjonijiet sinifikanti, inkluż is-servizz dwar il-ġestjoni tal-identità, il-kontroll ta' aċċess permezz tal-iskannjar tal-iris jew l-awtentikazzjoni tal-marki tas-saba', investigazzjonijiet dwar is-sigurtà, il-monitoraġġ tal-użu tal-Internet mill-persunal, u s-sistema tas-CCTV.

Ilmenti

In-numru totali ta' lmenti kompli jżied fl-2008 (waslu 91 ilment), b'inqas ilmenti ammissibbli minn qabel (23 ilment ammissibbli), iżda aktar komplessità inġenerali. Maġġoranza kbira ta' lmenti kienu ddikjarati inammissibbli b'mod partikolari minħabba li kienu jirrigwardaw esklussivament l-ipproċessar ta' data personali fil-livell tal-Istati Membri (fejn huma kompetenti l-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data). Każijiet ammissibbli kienu relatati b'mod partikolari ma' kwistjonijiet bħall-aċċess għad-data, l-ipproċessar ta' data sensitiva, id-dritt ta' retifika u l-obbligu li tingħata informazzjoni.

Il-KEPD kompli jaħdem fuq qafas ta' politika għat-trattament tal-ilmenti. L-elementi ewlenin tal-proċedura u formola mudell għall-preżentazzjoni tal-ilmenti, flimkien ma' informazzjoni dwar l-ammissibilità tal-ilmenti, ser tkun disponibbli fuq is-sit web tal-KEPD fl-2009. Din il-pubblikazzjoni hija mistennija tgħin lil dawk li potenzjalment jagħmlu lment fil-preżentazzjoni ta' lment, filwaqt li tillimita n-numru ta' lmenti b'mod ċar inammissibbli.

Politika dwar l-ispezzjonijiet

Fil-qafas tal-*"iskadenza tar-rebbiegħa 2007"*, l-ewwel parti tal-operazzjoni mnedija fl-2007 kienet fil-forma ta' ittri indirizzati lid-diretturi tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji sabiex jitkejjel il-livell ta' konformità mar-Regolament. Abbażi tar-reazzjoni li waslet, il-KEPD fformula rapport ġenerali, li sar pubbliku f'Mejju 2008 u ntbagħat lill-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha. Kif imħabbar, l-operazzjoni kienet il-bidu ta' eżerċizzju li għaddej mill-KEPD biex jiżgura konformità mar-Regolament, li twassal għal possibbiltà ta' spezzjonijiet fil-post.

F'dan il-kuntest, il-KEPD żviluppa aktar il-**politika tal-ispezzjonijiet** tiegħu u lesta l-ewwel serje ta' spezzjonijiet fil-post f'istituzzjonijiet u korpi differenti biex titkejjel il-konformità fil-prattika. L-ispezzjonijiet jistgħu jkunu riżultat ta' lment jew jistgħu jitwettqu fuq l-inizjattiva tal-KEPD stess. Matul l-ispezzjonijiet, il-KEPD jivverifika l-fatti u r-realtà fil-post. L-ispezzjonijiet jistgħu jikkontribwixxu wkoll b'mod ġenerali biex titqajjem kuxjenza dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data fl-istituzzjonijiet spezzjonati.

² Verifiki minn qabel "ex post" jirrigwardaw operazzjonijiet tal-ipproċessar li bdew qabel il-ħatra tal-KEPD u l-Assistent Kontrollur (17 ta' Jannar 2004), u li għalhekk ma setgħux jiġu verifikati qabel ma bdew.

Fl-2008, il-KEPD ddefinixxa l-ewwel proċedura komprensiva għall-attivitajiet ta' spezzjoni tiegħu. Din kienet tikkonsisti fi proċess ta' tliet fażijiet:

- fl-ewwel fażi, twettqu żewġ żjarat ta' prova biex tiġi ttestjata l-metodoloġija tal-KEPD fil-post;
- fit-tieni fażi, il-KEPD rfinat l-metodoloġija Prattika tiegħu;
- fit-tielet fażi, twettqu żewġ spezzjonijiet fl-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej - il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel - li ntagħżlu fil-qafas tal-eżerċizzju tar-rebbiegħa 2007.

Miżuri amministrattivi

Il-KEPD komplata wkoll jipprovdi parir dwar miżuri amministrattivi previsti mill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji rigward l-ipproċessar tad-data personali. Tqajmet varjetà ta' kwistjonijiet diffiċli, inkluż mudell ġdid ta' ċertifikat mediku; l-aċċess għal dokumenti pubbliċi li fihom data personali; il-liġi applikabbli għal ċerti attivitajiet tal-ipproċessar; it-trasferiment ta' fajl mediku lil tribunal nazzjonali; ir-regoli implimentattivi tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u lmenti ttattati mill-Ombudsman Ewropew.

Vidjossorveljanza

Il-KEPD komplata bil-ħidma dwar il-**linji gwida** tiegħu dwar il-vidjossorveljanza biex jipprovdi gwida Prattika lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE dwar konformità mar-regoli għall-protezzjoni tad-data fl-użu ta' sistemi ta' vidjossorveljanza. L-ewwel abbozz ta' ħidma intern tal-linji gwida tħejja sal-aħħar tal-2008. L-abbozz ser isir pubbliku għall-konsultazzjoni sa nofs l-2009.

Konsultazzjoni

Il-KEPD jagħti parir lill-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data f'firxa ta' oqsma ta' politika. Dan ir-rwol konsultattiv jirrelata ma' proposti għal leġislazzjoni ġdida kif ukoll inizjattivi oħrajn li jistgħu jaffettwaw il-protezzjoni tad-data personali fl-UE. Din ġeneralment tiegħu s-sura ta' opinjoni formali, iżda l-KEPD jista' jipprovdi wkoll gwida fil-forma ta' kummenti jew dokumenti ta' orjentazzjoni. L-iżviluppi teknoloġiċi li għandhom impatt fuq il-protezzjoni tad-data huma mmonitorjati wkoll bħala parti minn din l-attività.

Opinjonijiet u kwistjonijiet ċentrali tal-KEPD

Fl-2008 l-KEPD ħareġ **14-il opinjoni** dwar proposti ta' leġislazzjoni tal-UE. Bħas-snin preċedenti, parti sostanzjali tal-opinjonijiet jirrelataw mal-qasam tal-**libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja**, kemm fil-”pilastru” Komunitarju kif ukoll fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali (“it-tielet pilastru”). Dan il-qasam jirrappreżenta kważi nofs l-opinjonijiet leġislattivi maħruġa, jiġifieri sitta minn 14. Żvilupp importanti f' dan il-qasam kien l-adozzjoni tad-**Deċiżjoni Qafas dwar il-Protezzjoni tad-Data** fis-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali. Matul in-negozjati, din il-biċċa leġislazzjoni kienet fokus maġġuri ta' attenzjoni għall-KEPD li ħareġ tliet opinjonijiet kif ukoll kummenti dwar is-suġġett.

Il-proposta biex jiġi emendat ir-Regolament dwar **l-aċċess pubbliku għal dokumenti** miżmuma mill-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-privatezza u komunikazzjoni elettronika (**Direttiva dwar il-Privatezza elettronika**) kienu wkoll ta' attenzjoni speċjali għall-KEPD. Il-kwistjonijiet relatati mar-**Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri** (PNR) kienu prominenti wkoll fl-attivitàjiet konsultattivi tal-KEPD, b'mod partikolari fir-rigward tas-segwitu tal-proposta tal-UE dwar il-PNR.

Skambju ta' informazzjoni

Il-kwistjoni tal-iskambju ta' informazzjoni, b'mod partikolari l-istabbiliment ta' sistemi ta' informazzjoni u l-aċċess għal daww is-sistemi, kienet qasam ta' fokus ewlieni. Il-KEPD adotta opinjonijiet dwar is-sistemi ta' skambju ta' informazzjoni li ġew proposti fil-qafas tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI), l-Eurojust, is-sigurtà fit-toroq, il-protezzjoni tat-tfal li jużaw l-Internet, l-ECRIS, il-Grupp ta' Kuntatt ta' Livell Għoli UE-Stati Uniti dwar il-kondiviżjoni ta' informazzjoni, u l-istrategġija Ewropea dwar il-Ġustizzja elettronika. Saru wkoll kummenti preliminari rigward il-pakkett tal-Kummissjoni dwar il-ġestjoni tal-fruntieri tal-UE.

L-opinjonijiet tal-KEPD enfasizzaw il-ħtieġa li skambju ta' informazzjoni bħal dan ikun ivvalutat sew u b'attenzjoni f'kull każ. Barra minn hekk, fejn jiġi stabbilit skambju ta' informazzjoni bħal dan, jeħtieġ li jiġu implimentati salvagwardji speċifiċi għall-protezzjoni tad-data.

Teknoloġiji ġodda

F'diversi okkażjonijiet, il-KEPD ttratta l-kwistjoni tal-użu ta' teknoloġiji ġodda (p.e. l-ECRIS, l-istrategġija Ewropea dwar il-Ġustizzja elettronika). Huwa appella ripetutament biex jiġi żgurat li l-konsiderazzjonijiet

dwar il-protezzjoni tad-data jittieħdu f'kont fl-aktar stadju bikri possibbli ("**privatezza mill-fażi ta' tfassil**"). Il-KEPD enfasizza wkoll li l-għodod teknoloġiċi għandhom jintużaw mhux biss biex ikun żgurat l-iskambju ta' informazzjoni, iżda wkoll biex jittejjbu d-drittijiet tal-persuni kkonċernati.

L-iżviluppi li qed isiru fis-**Soċjetà tal-Infommazzjoni** ġew għal darb'oħra segwiti mill-qrib u saru kummenti dwarhom, bħall-identifikazzjoni permezz tal-frekwenza tar-radju (**RFID**) u l-intelligence ambjentali, bħala segwitu għall-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-RFID u l-opinjoni relatata tal-KEPD.

Il-KEPD kkjarifika wkoll l-kontributi possibbli tiegħu għar-**riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku tal-UE** (RŻT) u kkonsolida azzjonijiet li diġà nbdew. Ġie adottat **dokument ta' orjentazzjoni** biex jiddeskrivi r-rwol possibbli li jista' jkollha istituzzjoni għal proġetti ta' riċerka u żviluppi fis-seba' programm qafas għar-RŻT.

Kwalità tad-data

Il-kwalità tad-data kienet tema importanti oħra. Huwa tassew meħtieġ livell għoli ta' preċiżjoni tad-data sabiex tiġi evitata l-ambigwiżà dwar il-kontenut tal-informazzjoni pproċessata. Għalhekk huwa imperattiv li l-preċiżjoni tkun ivverifikata sew u b'mod regolari. Barra minn hekk, livell għoli tal-kwalità tad-data jirrappreżenta mhux biss garanzija bażika għas-suġġett tad-data, iżda jiffaċilita wkoll l-użu effiċjenti għal dawk li jipproċessaw id-data.

Żviluppi u prijoritajiet ġodda

Ġew identifikati għadd ta' perspettivi għal bidliet futuri, li ser iservu bħala l-aġenda ta' prijoritajiet ewlenin għall-KEPD. Dawn jinkludu **xejriet teknoloġiċi** ġodda li jqajmu tħassib kritiku dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza, bħall-iżvilupp ta' sistemi ta' 'cloud computing'³ u teknoloġija tas-sekwenzjar tad-DNA bil-veloċità tad-dawl.

Fir-rigward ta' żviluppi ġodda fil-**politika u l-leġislazzjoni**, il-kwistjonijiet ewlenin li l-KEPD bi ħsiebu jagħtihom attenzjoni speċjali jinkludu dan li ġej:

- riflessjoni dwar aktar titjib tad-**Deċiżjoni Qafas dwar il-Protezzjoni tad-Data** biex jiżdied il-livell ta' protezzjoni pprovduta mill-istrument ġdid fit-tielet pilastru;
- il-futur tad-**Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data**;
- il-programm pluriennali tal-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja - magħruf bħala l-"**Programm Stokkolma**";
- xejriet ewlenin fl-**infurzar tal-liġi** u attivitajiet leġiżlattivi relatati mal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata;
- ir-reviżjoni tar-Regolament dwar **l-aċċess pubbliku għal dokumenti**;

inizjattivi ġodda bl-għan li tissaħħaħ **il-kura tas-saħħa transkonfinali** flimkien mal-użu ta' teknoloġiji tal-informatika.

³ 'Cloud computing' jirreferi għall-użu ta' teknoloġija tal-kompjuters ibbażata fuq l-Internet ("cloud") għal varjetà ta' servizzi. Huwa stil ta' kompjuterizzar fejn riżorsi skalabbli b'mod dinamiku u ta' spiss virtwalizzati huma pprovduti bħala servizz fuq l-Internet.

Kooperazzjoni

Il-KEPD jikkoopera ma' awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data oħrajn sabiex tkun promossa konsistenza fil-protezzjoni tad-data fl-Ewropa kollha. Dan ir-rwol ta' kooperazzjoni jestendi wkoll għal kooperazzjoni ma' korpi ta' sorveljanza stabbiliti skont it-tielet pilastru tal-UE u fil-kuntest ta' sistemi tal-informatika fuq skala kbira.

Il-pjattaforma ewlenija għal kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data fl-Ewropa huwa l-**Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29**, li jipprovdi lill-Kummissjoni Ewropea b'parir indipendenti dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data. Il-KEPD jipparteċipa fl-attivitajiet tal-Grupp ta' Ħidma, li għandu rwol kruċjali fl-applikazzjoni uniformi tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data.

Il-KEPD u l-Grupp ta' Ħidma kkooperaw b'sinerġija tajba dwar firxa ta' suġġetti, iżda ffokaw b'mod speċjali fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Data u dwar l-isfidi tal-protezzjoni tad-data li jirriżultaw minn teknoloġji ġodda. Il-KEPD appoġġa ħafna wkoll l-inizjattivi meħudin biex jiġu ffaċilitati l-flussi internazzjonali tad-data (p.e. Regoli Korporattivi Vinkolanti).

Fl-2008, il-Grupp ta' Ħidma adotta opinjonijiet dwar proposti għal leġislazzjoni, li f'xi każijiet kienet soġġetta wkoll għall-opinjonijiet tal-KEPD (p.e. ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika). Filwaqt li l-konsultazzjoni tal-KEPD hija karatteristika obbligatorja tal-proċess leġislattiv tal-UE, il-kontributi tal-Grupp ta' Ħidma huma wkoll utli ħafna, b'mod partikolari minħabba li dawn jista' jkollhom punti speċjali ta' attenzjoni minn perspettiva nazzjonali. Għalhekk il-KEPD jilqa' dawn il-kontributi li huma konsistenti mal-opinjonijiet tiegħu.

Waħda mill-kompiti kooperattivi l-aktar importanti tal-KEPD tirrelata mas-superviżjoni koordinata tal-**Eurodac**, fejn ir-responsabbiltajiet għas-superviżjoni tal-protezzjoni tad-data jinqasmu bejn l-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data u l-KEPD. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni tas-Superviżjoni tal-Eurodac - magħmul minn awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data u l-KEPD - iltaqa' darbtejn fl-2008 u ffoka fuq l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma adottat mill-Grupp f'Diċembru 2007. Kienu ntagħżlu tliet suġġetti fil-programm ta' ħidma għal eżami aktar mill-qrib u rappurta, jiġifieri: l-informazzjoni dwar is-suġġetti tad-data, it-tfal u l-Eurodac, u d-DubliNet⁴. Fl-istess ħin, il-qafas li fih qed jopera l-Grupp għibed ukoll l-attenzjoni: il-Kummissjoni Ewropea wettqet ir-reviżjoni tar-Regolamenti Dublin u Eurodac, fil-qafas tal-miżuri għall-asil inġenerali.

Il-ħtieġa għall-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-KEPD u l-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-data oħrajn f'**materji tat-tielet pilastru** - il-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja - saret aktar evidenti fis-snin riċenti permezz taż-żieda fl-inizjattivi f'livelli Ewropej u internazzjonali li għandhom l-għan li jiġbru u jikkondividu data personali. Il-KEPD jistinka biex ikun żgurat livell għoli u konsistenti ta' protezzjoni tad-data fl-oqsma tal-awtoritajiet ta' ta' kontroll għall-protezzjoni tad-data (Awtoritajiet ta' Sorveljanza Konġunta għal Schengen, l-Europol, l-Eurojust u s-Sistema ta' Informazzjoni Doganali) stabbiliti skont it-tielet pilastru tal-UE. Fl-2008, il-KEPD kkontribwixxa

⁴ DubliNet huwa n-netwerk elettroniku sigur ta' kanali ta' trasmissjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali li jittrattaw l-appilazzjonijiet għall-asil. Normalment, "hit" fis-sistema tal-Eurodac twassal għal skambju ta' data dwar il-persuna li qed fitfexx l-asil. Dan l-iskambju juża d-DubliNet.

b'mod attiv għal-laqqhat organizzati mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pulizija u l-Ġustizza li indirizzaw kwistjonijiet sensitivi, bħall-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Prüm, id-Deċiżjoni Qafas dwar il-Protezzjoni tad-Data fit-tielet pilastru u l-PNR.

Il-kooperazzjoni f' **fora internazzjonali** oħra kompliet tiġbed l-attenzjoni. Bħal fis-snin li għaddew, il-KEPD ħa sehem fil-Konferenzi Ewropej u Internazzjonali tal-Kummissarji għall-Protezzjoni tad-Data u l-Privatezza, li taw opportunità lill-parteċipanti jiddiskutu sfidi topiċi għall-protezzjoni tad-data, bħall-iżviluppi relatati mas-sigurtà u t-teknoloġiji ġodda u l-kwistjoni tal-privatezza f' dinja bla konfini. Ingħata wkoll segwitu adatt lill-”Inizjattiva ta' Londra” dwar is-sensibilizzazzjoni tal-protezzjoni tad-data u kif din tista' ssir aktar effettiva. Fl-aħħar nett, wara avvenimenti simili organizzati fl-2005 u l-2007, qed jiġi kkunsidrat it-tielet workshop dwar il-protezzjoni tad-data f'organizzazzjonijiet internazzjonali.

Komunikazzjoni

l-informazzjoni u l-komunikazzjoni għandhom rwol ċentrali biex jiżguraw il-viżibbiltà tal-attivitajiet ewlenin tal-KEPD u biex iqajmu kuxjenza kemm dwar il-ħidma tal-KEPD kif ukoll dwar il-protezzjoni tad-data inġenerali. Dan huwa aktar u aktar strateġiku minħabba li l-KEPD huwa istituzzjoni relattivament ġdida u s-sensibilizzazzjoni tar-rwol tiegħu fil-livell tal-UE għalhekk jeħtieġ ikun konsolidat aktar.

Erba' snin wara l-bidu tal-ħidma, nistgħu naraw li l-enfasi li sar fuq il-komunikazzjoni ġġenera riżultati f'termini ta' **viżibbiltà**. Indikaturi sinifikanti ta' kisbiet jinkludu volum aktar għoli ta' talbiet għal informazzjoni, traffiku miżjud fuq is-sit web, żieda kontinwa fin-numru tal-abbonati fil-bulletin, talbiet regolari għal żjarat ta' studju fil-KEPD u inviti biex jindirizza konferenzi. Barra minn hekk, kuntatt aktar sistematiku mal-midja u, bħala riżultat, żieda sostanzjali fil-kopertura mill-midja tal-attivitajiet tal-KEPD jenfasizzaw aktar il-fehma li l-KEPD sar punt ta' referenza għal kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-data.

Ir-**relazzjonijiet mal-midja** komplew ikunu fokus ċentrali tal-attivitajiet tal-komunikazzjoni, u l-KEPD ta madwar ħamsa u għoxrin **intervista** lil ġurnalisti ta' gazzetti, xandir u l-midja elettronika fl-2008. Is-servizz tal-istampa ħareġ 13-il **stqarrija għall-istampa**, li ħafna minnhom kienu relatati ma' opinjonijiet leġislattivi ġodda li għandhom relevanza ġenerali għall-pubbliku għolja ħafna. Huma koprew kwistjonijiet bħar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Privatezza elettronika, l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-Protezzjoni tad-Data fit-tielet pilastru, l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-UE, u l-kondiviżjoni transatlantika ta' informazzjoni għall-finijiet ta' infurzar. Ġiet organizzata konferenza għall-istampa f'Mejju 2008 biex jiġu ppreżentati l-konklużjonijiet ewlenin tar-Rapport Annwali tal-2007 lill-istampa.

Minbarra l-mistoqsijiet mill-medja li jaslu fuq bażi regolari, is-servizz tal-istampa ttratta madwar 180 **talba għal informazzjoni** mill-pubbliku minn firxa wiesgħa ta' individwi u partijiet interessati. Il-KEPD laqa' żjarat minn **grupp ta' studenti** speċjalizzati fil-liġi Ewropea, il-protezzjoni tad-data u/jew kwistjonijiet ta' sigurtà fl-informatika sabiex jagħmel kuntatt ukoll mad-dinja akkademika.

Bl-għan li jagħti aktar viżibbiltà lill-attivitajiet tiegħu li kienu għaddejnin, il-KEPD kompli juża l-għodod ta' informazzjoni oħrajn li ġejjin:

- **sit web:** ittellgħu fuq is-sit web aġġornamenti tekniċi u titjib fil-kontenut, inkluż l-iżvilupp ta' "Glossarju ta' termini" dwar il-protezzjoni tad-data personali u taqsima ta' "Mistoqsijiet u Tweġibiet". Data tal-istatistika turi li, mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Diċembru 2008, is-sit web irċieva total ta' 81 841 viżitatur, b'massimu ta' 10 095 viżitatur f'Mejju meta ġie ppubblikat ir-Rapport Annwali tal-2007;
- **bulletin elettroniku:** fl-2008 ġew ippubblikati ħames hareġiet tal-bulletin tal-KEPD. In-numru ta' abbonati tela' b'mod sinifikanti bejn l-2007 u l-2008. Saret ħidma preparatorja biex jiġi pprovdut bulletin aġġornat bl-għan li tiġi pprovduta għodda ta' informazzjoni li tkun aktar faċli tintuża mill-qarrej.
- **avvenimenti promozzjonali:** il-KEPD reġa' ħa sehem f'Jum il-Protezzjoni tad-Data u fil-Jum bil-Bibien Miftuħa tal-UE; billi kellu kjoskijiet ta' informazzjoni fl-istituzzjonijiet ewlenin tal-UE;
- **fuljett ta' informazzjoni:** beda l-iżvilupp ta' fuljett ta' informazzjoni aġġornat, partikolarment fid-dawl tat-tmiem tal-ewwel mandat tal-KEPD f'Jannar 2009.

Amministrazzjoni, baġit u persunal

bl-għan li jiġi kkonsolidat aktar il-bidu pożittiv tiegħu u, konsegwentement, it-trattament ta' kompiti ġodda assenjati lilu, ingħataw **riżorsi addizzjonali** lill-KEPD kemm f'termini ta' baġit (li minn EUR 4 955 726 fl-2007 żdied għal EUR 5 307 753 fl-2008) u persunal (minn 20 għal 33).

Fir-rigward tal-**baġit**, ġiet applikata terminoloġija baġitarja ġdida fl-2008 sabiex tiġi żgurata t-trasparenza meħtieġa mill-awtorità baġitarja. Fir-rapport tagħha dwar is-sena finanzjarja għall-2007, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri ddikjarat li l-verifika ma kienet wasslet għal ebda osservazzjoni.

Fir-rigward tar-**riżorsi umani**, il-viżibbiltà li qed tikber tal-istituzzjoni qed twassal għal ammont akbar ta' xogħol, flimkien ma' espansjoni fil-kompiti. Madankollu l-KEPD għażel li juża tkabbir ikkontrollat biex jiżgura li l-membri ġodda tal-persunal jintegraw totalment. Għalhekk fl-2008 l-KEPD talab għall-ħolqien ta' erba' karigi biss. Il-programm ta' apprendistat kompli jħarreġ madwar żewġ apprendisti kull sessjoni. Barra minn hekk, ġew rekrutati żewġ esperti nazzjonali ssekondati mill-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data.

Fir-rigward tal-**organigramma** tal-KEPD, l-ammont ta' xogħol dejjem jikber wassal għall-ħolqien ta' funzjoni ġdida ta' koordinatur. Għal dan il-għan, ġew maħtura ħames koordinaturi fil-gruppi ta' konsultazzjoni u superviżjoni.

Fir-rigward tal-**kontroll intern**, l-evalwazzjoni mwettqa mis-servizzi tal-KEPD u l-Awditur Intern uriet il-funzjonalità u l-effiċjenza tas-sistema ta' kontroll intern u l-abbiltà tagħha li tipprovdi garanzija raġonevoli għall-kisba tal-oġettivi tal-istituzzjoni.

Il-KEPD ħatar **Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data** tiegħu stess biex jiżgura l-applikazzjoni interna tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Fl-2008 kompli l-proċess biex jiġu identifikati operazzjonijiet tal-ipproċessar li fihom data personali u biex jiġi ddeterminat liema operazzjonijiet huma soġġetti għal verifika minn qabel. Ġie ffinalizzat inventarju ta' operazzjonijiet interni. Abbażi ta' dan, tnedja l-ewwel proċess ta' notifika.

Ġew adottati **regoli interni** ġodda meħtieġa għall-funzjonament adatt tal-istituzzjoni, inklużi deċiżjonijiet dwar iċ-ċertifikazzjoni, dwar il-miżuri tas-sigurtà u dwar il-ħatra ta' uffiċjal lokali ta' sigurtà għall-KEPD.

Twettqet l-implimentazzjoni ta' sistema ġdida għall-**ġestjoni tad-dokumenti** (GEDA). Din l-implimentazzjoni hija meqjusa bħal l-ewwel pass fl-iżvilupp ta' sistema ta' ġestjoni tal-fluss tal-każijiet għal appoġġ imtejjeb għall-attivitajiet tal-KEPD.

Il-Kummissjoni Ewropea

Rapport Annwali 2008 — Sommarju Eżekuttiv

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

2008 — 16 pp. — 21 x 29,7 cm

ISBN 978-92-95030-91-6

Kif jiġu akkwistati l-pubblikazzjonijiet tal-UE

Pubblikazzjonijiet għall-bejgħ:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mill-ħanut tal-kotba tiegħek billi tikkwota t-titlu, il-pubblikatur u/jew in-numru tal-ISBN;
- billi tikkuntattja wieħed mill-aġenti tagħna direttament inkarigat mill-bejgħ. Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link <http://bookshop.europa.eu>, jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Kummissjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link <http://ec.europa.eu/> jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.



KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-
PROTEZZJONI TAD-DATA

*Il-Kontrollur Ewropew għall-
protezzjoni tad-data personali*

www.edps.europa.eu



■ Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet